



Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10110/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0166 (NLE)**

**AELE 45
MI 372
FL 20
ISL 20
N 28
ENER 239**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 313 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE (EED)

Delegations will find attached document COM(2025) 313 final.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 313 final

2025/0166 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

(EED)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar emenda fl-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ŻEE

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (*"il-Ftehim ŻEE"*) jiggarrantixxi drittijiet u obbligi ugwali fis-Suq Intern għaċ-ċittadini u l-operaturi ekonomiċi fiż-ŻEE. Dan jipprevedi l-inklużjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-erba' libertajiet fi 30 Stat taż-ŻEE li jinkludu l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein. Barra minn hekk, il-Ftehim ŻEE jkopri l-kooperazzjoni f'oqsma importanti oħra bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-turiżmu u l-kultura, li kollettivament huma magħrufin bħala l-politiki *"ta' appoġġ u orizzontali"*. Il-Ftehim ŻEE daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994. L-Unjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha hija parti għall-Ftehim ŻEE.

2.2. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Ftehim ŻEE. Huwa forum għall-iskambju ta' fehmiet b'rabta mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Id-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b'konsens u huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni ta' kwistjonijiet taż-ŻEE min-naħa tal-UE hija tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mistenni jadotta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*"l-att previst"*) rigward l-emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.

L-għan tal-att previst huwa li jinkorpora fil-Ftehim ŻEE d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE¹ u d-Direttiva (UE) 2018/2002 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija².

L-att previst isir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Kummissjoni tippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni anness tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni, ladarba adottata, tiġi ppreżentata fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

¹ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

² Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210.

L-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jinkludi adattamenti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA kif deskritt fil-premessi u t-test tal-adattamenti fl-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, li jmorru lil hinn minn dak li jista' jitqies bħala sempliċi adattamenti tekniċi fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94³. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni”*⁴.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa korp stabbilit minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim ŻEE. L-att, li l-Kumitat Konġunt taż-ŻEE huwa mitlub jadotta, jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst isir vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE flimkien mal-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tiddependi primarjament fuq il-bażi legali sostantiva tal-att legali tal-UE li għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tinkorpora fil-Ftehim ŻEE d-Direttiva 2012/27/UE u d-Direttiva (UE) 2018/2002, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi bbażata fuq l-istess bażi legali sostantiva bħal dik tal-att li huwa inkorporat. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 194(2) TFUE.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni jenħtieġ li tkun l-Artikolu 194(2) TFUE , flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE se jemenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE, huwa xieraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE

(EED)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁵ u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea⁶ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE⁷ u d-Direttiva (UE) 2018/2002 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija⁸ jenħtieġ li jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 jeħtieġu adattamenti sostantivi li jirriflettu l-ispeċifitàjiet tal-Ftehim ŻEE u tal-Istati tal-EFTA.

⁵ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁶ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁷ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

⁸ Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

- (5) Peress li l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika għall-2020 u l-2030 ma japplikawx għall-Istati tal-EFTA, l-Artikoli 3(1)(a) u 3(5) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 jenħtieġ li ma japplikawx għall-Istati tal-EFTA. Madankollu, l-Istati tal-EFTA jistabbilixxu b'mod volontarju l-miri indikattivi nazzjonali tagħhom għall-effiċjenza enerġetika, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tal-Istati tal-EFTA meħmuża mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.
- (6) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 jirreferi għar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija li jridu jiġu rrispettati abbażi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Huwa xieraq li l-Iżlanda titħalla tissodisfa l-obbligi tagħha dwar ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini tal-gvern ċentrali abbażi tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, peress li l-Iżlanda għandha deroga milli tinkorpora d-Direttiva 2010/31/UE.
- (7) Huwa wkoll xieraq li l-Artikolu 20(5) tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 jiġi adattat kif meħtieġ, b'mod partikolari billi r-referenza għall-Artikolu 5(1) tiġi sostitwita b'referenza aktar ġenerali għall-Artikolu 5 bil-ħsieb li jiġu riflessi l-adattamenti li saru skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar.
- (8) L-iffrankar ġdid tal-enerġija li jrid jinkiseb mill-Iżlanda skont l-Artikolu 7(1) jenħtieġ li jiġi stabbilit f'livell li jirrifletti l-ispeċifitàtiet tas-suq tal-enerġija u t-taħlita tal-enerġija tal-Iżlanda.
- (9) Minħabba li s-sistema tal-enerġija Iżlandiża hija iżolata, kważi ħielsa għal kollox mill-fjuwils fossili, b'livelli għoljin ta' sigurtà tal-provvista u indipendenza enerġetika, u tiddependi b'mod estensiv fuq l-enerġija ġeotermali rinnovabbli b'karatteristiċi speċjali, huwa xieraq li tiġi permessa deroga għall-Iżlanda minn ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-metraġġ stabbiliti fl-Artikoli 9a, 9b u 9c.
- (10) Minħabba li l-Iżlanda ma għandhiex infrastruttura tal-gass naturali u hija eżentata mid-Direttiva 2009/73/KE dwar is-suq intern tal-gass naturali, l-Artikoli 9 u 10 fir-rigward tal-metraġġ għall-gass naturali u l-informazzjoni dwar il-kontijiet jenħtieġ li ma japplikawx għall-Iżlanda.
- (11) Minħabba li d-Direttiva 2004/8/KE dwar il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija ma tapplikax għall-koġenerazzjoni ġeotermali fl-Iżlanda, l-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/2002 li jikkorrelataw mad-Direttiva 2004/8/KE jenħtieġ li ma japplikawx għall-Iżlanda.
- (12) L-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ għalhekk li jiġu emendati skont dan.
- (13) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ għalhekk li tkun ibbażata fuq l-abbozz meħmuż ta' Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz meħmuż ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*